**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA, 27 TA' LULJU, 2001**

*Avviz. Nru 118/01 AJD*

Environmental Management Design & Planning Limited

vs

Mario Cini

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Frar, 2001, fejn is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma kapitali ta' mitejn u tmintax il-lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm218.95) in konnessjoni ma' xogholijiet deskritti fuq fattura (Dok. A).
Bl-ispejjes tal-prezenti, ta' l-ittra interpellatorja datata 14 ta' Gunju, 2000, u ta' l-ittra ufficjali datata 13 ta' Ottubru, 2000 (Dok. B u C), u bl-imghax mill-20 ta' Dicembru, 1999, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni tieghu.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:-

1. Illi ma hux minnu li l-konvenut inkarika lis-socjeta' attrici ghas-servizzi elenkati fuq il-fattura esibita Dok. A u ghalhekk it-talba tal-attur nomine ghandha tigi respinta, bl-ispejjez kontra tieghu.

Sema' x-xhieda tal-Perit Mariello Spiteri in rappresentanza tas-socjeta' attrici u tal-konvenut.  Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi mill-provi prodotti jidher car li l-kontenzjoni bejn il-partijiet hija principalment jekk il-konvenut inkarigax lis-socjeta' attrici u precizament lill-Perit Mariello Spiteri ghan-nom tal-istess socjeta' attrici sabiex jaghmel alterazzjonijiet fi pjanti li kienu jirrigwardaw 'penthouse' li l-konvenut xtaq jixtri f'Tas Sliema u l-applikazzjoni lill-Planning Authority relattiva ghal dawn l-alterazzjonijiet.

Illi l-Perit Mariello Spiteri xehed li l-konvenut kien talbu parir professjonali dwar 'penthouse' li ried jixtri f'Tas Sliema, liema 'penthouse' ma kienitx koperta bil-permess relattiv tal-Planning Authority. Il-parir mitlub mill-konvenut kien fis-sens li staqsa x'kellu jsir biex johrog il-permess. Il-perit qal ukoll li l-konvenut talbu xi tibdil fil-pjanti. Saru tlett laqghat u cioe' fl-4 ta' Frar, 1999, fis-26 ta' Frar, 1999 u fl-1 ta' Marzu, 1999. Il-Perit prepara applikazzjoni ghall-Planning Authority (Dok. MS2) u inkariga lis-segretarja ccempel lill-konvenut sabiex imur il-Bank ihallas id-depozitu necessarju. In kontro ezami il-perit stqarr li l-konvenju relattiv huwa qatt ma rah. Qal ukoll lli meta mar jara l-penthouse' kien akkompanjat mill-konvenut izda dan tal-ahhar ma kellux cwievet tal-'penthouse' u dawn ic-cwievet gabithom terza persuna.

Illi l-Perit Spiteri xehed ukoll li wara li ntbaghtu diversi 'reminders' lill-konvenut sabiex jeffetwa l-hlas relattiv, dan tal-ahhar cempel u nforma lill-perit li kien qed jikkontesta l-kont stante li s-socjeta' attrici ma kienitx irrendiet is-servizzji kollha ndikati fil-kont. Huwa kkonferma li l-konvenut accetta li jhallas xi hamsin lira Maltin (Lm50.00) ghas-servizzji rezi mis-socjeta' attrici.

Illi l-konvenut ikkonferma li huwa kien talab parir lill-Perit Mariello Spiteri dwar propjeta' li kien interessat jixtri f'Tas Sliema u dwar il-permess relattiv ghall-imsemmija propjeta'. Il-konvenut qal li huwa nforma lill-Perit li huwa ried jirranga mal-Bank.

Il-konvenut ikkonferma wkoll li l-Perit Spiteri akkompanjah fuq il-post izda qal ukoll li fl-ebda mument ma ta struzzjonijiet lill-Perit Spiteri sabiex jaghmel alterazzjonijiet fil-pjanti jew jissottometti xi applikazzjonijiet lill-Planning Authority. Fl-ahhar laqgha li l-konvenut kellu mal-Perit Spiteri, dan tal-ahhar infurmah li kien ser isiefer u li kien qed jistenna risposta minghand il-konvenut biex jipprocedi.

Il-konvenut xehed ukoll li huwa kien ghadu lanqas biss ftiehem mas-sid dwar il-prezz u kien ghalhekk li ha lill-Perit fuq il-post sabiex huwa jtieh parir dwar

il-kundizzjoni strutturali tal-propjeta'. Il-konvenut jghid ukoll li xi xhur wara din l-ahhar laqgha li kellu mal-Perit, cemplitlu s-segretarja tal-Perit li qaltlu li l-karti kienu lesti u seta' jmur il-Bank jeffetwa l-hlas. Huwa ghall-ewwel ma fehemx ghalxiex kienet qed tirreferi, izda wara spjegalha li huwa lanqas biss kien ghamel il-konvenju relattiv u ma kienx ser jixtri l-propjeta' in kwistjoni. Huwa wara li ha parir minghand perit iehor u minghand avukat, offra li jhallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' sittin lira Maltin (Lm60.00) ghal parir professjonali lilu moghti mill-istess socjeta' attrici.

Illi in kontro-ezami il-konvenut sostna li d-diksors mal-Perit Spiteri in kwantu jirrigwarda l-alterazzjonijiet fil-pjanti u l-applikazzjoni relattiva mal-Planning Authority kien biss fis-sens illi dawn kellhom isiru fl-eventwalita' li l-konvenut jiffirma l-konvenju u dan il-konvenju effettivament qatt ma sar.

Illi l-provi cirkostanzjali kollha jindikaw li s-servizzji rezi lill-konvenut mis-socjeta' attrici kienu jikkonsistu biss f'parir professjonali dwar il-possibilita' li jinhareg il-permess relattiv mill-Planning Authority u dawn is-servizzji kienu jinkludu zewg laqghat mal-Perit Mariello Spiteri u access fuq il-propjeta' in kwistjoni. Il-fatt li l-konvenut ma kienx ghadu ffirma ebda konvenju hija ndikazzjoni pjuttost cara li huwa ma kienx f'posizzjoni jaghti struzzjonijiet lill-Perit Spiteri sabiex jaghmel l-applikazzjoni relattiva lill-Planning Authority ghan-nom tieghu.

Illi mid-dokument esibit fis-seduta tat-30 ta' Mejju, 2001, u mmarkat bhala Dok. LAS 5, liema dokument jaghti 'breakdown' tal-kont tas-socjeta' attrici, jirrizulta li l-prezz ghas-servizzji konnessi mal-parir moghti mis-socjeta' attrici u cioe' "Site visits, meetings and Planning Authority Research" jammontaw ghal disgha u tletin liri Maltin (Lm39.00). It-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fuq dan l-ammont jammonta ghal hames liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm5.85) u ghalhekk l-ammont dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici jammonta ghal erbgha u erbghin liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm44.85).

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici limitatament ghall-ammont ta' erbgha u erbghin liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm44.85) u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' erbgha u erbghin liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm44.85) bl-imghaxijiet legali mill-20 ta' Dicembru, 1999, sal-hlas effettiv. Minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

AV. AUDREY J. DEMICOLI

GUDIKATUR